REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/988

tat-12 ta' Marzu 2020

li jirrettifika ċerti verżjonijiet tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 86(1)(a) u l-Artikolu 111(1)(b), (c) u (f) tagħha,

Billi:

(1) Il-verżjoni tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 ([2]) bil-Ġermaniż fiha żball fis-sentenza tal-bidu tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(5) li jwassal biex it-tifsira tad-dispożizzjoni tkun opposta għal dik intenzjonata.

(2) Il-verżjoni tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 bil-Ġermaniż fiha żbalji fl-Artikolu 116(3)(d)(ii) u fl-Artikolu 147(3)(d)(ii) li jibdlu t-tifsira tat-test.

(3) Il-verżjoni tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 bid-Daniż fiha żbalji fl-Artikolu 209(3)(h) u (i) li jwasslu biex it-tifsira tad-dispożizzjoni tkun opposta għal dik intenzjonata.

(4) Għalhekk, il-verżjonijiet tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 bid-Daniż u bil-Ġermaniż għandhom jiġu rettifikati kif xieraq. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn mhumiex affettwati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN